

Brussell, 12 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

6956/21

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0232(COD)

---

---

CODEC 359  
UD 95  
ENFOCUSTOM 34  
MI 158  
COMER 26  
TRANS 130  
ECOFIN 235  
CADREFIN 128  
PE 21

#### NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<b>ADOZZJONI TA' ATTI LEGALI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW</b> Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 8 - 11 ta' Marzu 2021)

---

#### I. VOT

Fl-10 ta' Marzu 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara l-pożizzjoni tal-Kunsill<sup>1</sup> fl-ewwel qari bħala approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

---

<sup>1</sup> ST 5265/1/21 REV 1.

## **II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

## P9\_TA-PROV(2021)0070

### Programm Dwana \*\*\*II

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 (05265/2021 – C9-0000/2021 – 2018/0232(COD))**

#### (Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05265/1/2021 – C9-0091/2021),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>3</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0442),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0038/2021),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>2</sup> ĠU C 62, 15.2.2019, p. 45.

<sup>3</sup> Testi adottati, 16.4.2019, P8\_TA(2019)0385.

---